MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 16/K7/2013 |
| Data: | It-Tlieta 1 ta' April 2014<br>Laqgħa b' Urġenza |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | Skużat | Sur Maurice Agius |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat l-Erbgħa 25 ta' Marzu, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Il-Permessi tal-Gabbani tal-Festa 2014
2. Gimgħa Misidjana u Festa L-Imsida 2014
3. Medalja tal-Mertu L-Imsida 2014

4. Affarijiet oħra jekk urġenti
5. Aġġornament.

**Seduta Numru 16/14**

738 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

**1 Il-Permessi tal-Gabbani tal-Festa 2014**

739 Is-Sindku ssuġġeriet, u l-Kunsill qabel, li jitwaqqaf 'working group' fuq il-permessi tal-gabbani għall-Festa 2014. Il-membri ta' dan il-'working group' ser ikunu s-Sur Bartolo, Alan Abela-Wadge u Romina Galea. L-ewwel laqgħa ser issir nhar it-Tlieta 8 ta' April fis 6.15pm il-Kunsill. Is-Segretarju ser titlob parir lill-avukat dwar dawk il-bejjiegħa li jħalsu l-permess u ma jarmawx l-i'stand' tagħhom.

**2 Gimgħa Misidjana u Festa L-Imsida 2014**

740 Sar qbil li l-'working group' appuntat ser jiddiskuti wkoll il-programm tal-Festa. Għal dan il-kumitat ser tattendi wkoll is-Sindku. Sar qbil li ssir laqgħa ma' l-għaqdiet involuti biex il-programm tal-Kunsill ma' jaffetwax xi attivitajiet li jkunu qed jiġu organizzati minn xi għaqda jew viċe versa.

**3 Medalja tal-Mertu L-Imsida 2014**

741 Is-Sur Bartolo informa lill-Kunsill li l-medalji spiċċaw. Hu ssuġerixxa li minnflokk issir medalja tibda tingħat tip ta' trofew. Hu qal li Gianni Pace għandu jintalab jagħti disinn biex imbagħd issir forma. Saret diskussjoni fuq li ma tibqax tingħata l-medalja għax kien hemm min ma qabilx. Is-Sindku issuġġeriet li jsir tip ta' platt bid-disinn, u s-Sur Matthew Agius qal li jippreferi xi ħaġa simili tal-medalja biex tkun tista tintlibes f'okkazzjonijiet speċjali tal-lokal. Sar qbil li ser jintalbu dawn il-kwotazzjonijiet:
- Medalja identika għal dik li kienet tingħata sa issa – John Bason
- Disinn ġdid ta' Trofew – Gianni Pace. Is-Segretarju ssuġġeriet li studenti tal-Junior College, l-Universita' u MCAST jintalbu jagħtu disinn – f'forma ta' kompetizzjoni - biex il-Kunsill ikun jista jagħżel l-aħjar proposta. Qalet li jingħataw 'brief' fuq x'jixtieq il-Kunsill u jintalbu jagħtu l-proposta tagħhom sa wara l-vaganzi ta' l-Għid. Ġie ssuġġerit li tkun Expression of Interest pero' ġie diskuss li dan il-proċess jista jdum wisq. Is-Segretarju għandha

tiċċekja mad-Dipartiment fuq jekk Expression of Interest f'dan ir-rigward ikunx irid ikun tip ta' proċess simili ta' sejħa għall-offerti.

4 **Affarijiet oħra hekk urġenti**

742 Is-Sindku resqet korrespondenza mit-TCTC dwar il-korsijiet tal-compjuter tas-sajf u l-Kunsill qabel li dawn jerġgħu jsiru.

743 Is-Sindku semmiet li kellha laqgħa mad-Deputat Kummissarju tal-Pulizija fejn talbet li tkun taf liema huma l-'hotspots' tal-lokal minħabba li l-Pulizija jixtiequ li jitwaħħlu l-cameras (minn naha tal-Kunsill) biex issir sorveljanza taghhom mill-Għassa. Is-Sindku qalet li ser titkellem mar-Reġjun minħabba finanzjament ta' dawn il-cameras. Ġew identifikati xi lokalitajjiet fejn jistgħu jitwaħlu l-cameras. Dawn huma: ħdejn il-Junior College, fil-Bandli tas-Swatar u fil-Bandli ta' L-Imsida, fil-Gnien il-ġdid, ħdejn il-Gibjun, iż-żona tas-St Mark's Clinic u t-Track Bar u Victor Denaro ħdejn l-iskola. Sar qbil li l-Kunsill ser jagħmel il-cameras fejn il-Bring In Sites. Issemma l-bżonn ta' sorveljanza max-Xatt tax-Xbiex fix-xhur tas-sajf, pero' sar qbil li minnflok camera aħjar tibda ssir ronda mill-Pulizija.Is-Sur Matthew Agius qal li importanti li jkollna l-cameras biex ikun hemm sigurta' fil-lokal, pero' qal li importanti li ma jsirux iżżejjed cameras. Is-Sur Brincat saqsa fuq il-baġit li għandu r-Reġjun għal dawn il-cameras u s-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jipprovdihom bil-lista ta' x'qed jiġi ssuġġerit imbagħad jiddeċiedi r-Reġjun minħabba li diversi lokalijtajjiet oħra ser ikunu nvoluti f'dan il-proġett.

744 Wasal il-Viċi Sindku Dr Alex Sciberras (19:00)

745 Is-Sur Selvaggi semma kaxxa safra li saret ħażin fi Triq Indri Grima. U saqsa għalfejn il-kaxxa s-safra tkompli quddiem bieb ta' dar. Is-Sur Brincat qal li ser jiċċekja fuqha mas-Sur Joe Demarco.

746 Is-Sur Brincat qal li l-Kunsill għandu permess mill-MEPA biex iżid il-bankijiet fil-ġnien, 'canopies' fuq il-bankijiet eżistenti u biex il-kamra tiġi mdawra bl-istess materjal tal-bankijiet. Hu qal li ser jiltaqa mal-Perit biex jibdew jippreparaw it-Tender. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Ser issir ukoll applikazzjoni lill-Bord tal-UIF tal-MEPA.

747 Is-Sur Brincat semma wkoll il-problema tad-dwal fil-Ġnien tal-Playfield u qal li hemm bżonn li tinħareġ Tender biex isiru x-xogħolijiet u jinxtraw il-lampi ġodda. Hu qal li ser jitkellem mal-Perit fuq dan it-Tender ukoll. Is-Sur Selvaggi saqsa jekk ġiex ikkunsidrat li jintużaw lampi bil-panelli solari iżda intqal li jistgħu ma jkunux l-aħjar soluzzjoni. Il-Viċi Sindku qal li kien maħsub li l-bini tal-Kunsill ikollu tip ta' sistema solari pero' ma kienx sar għax il-binja għadha mhix kompluta. Is-Sur Brincat qal li sistema ta' LEDs tkun effiċjenti wkoll. Issemmiet il-possibilita' li tintuża s-saqaf tal-kamra li

hemm f'dan il-ġnien biex isiru xi pannelli. Il-Viċi Sindku qal li x'aktarx irid ikun hemm wisgħa ta' 2 metri kwadri għal kull panella. Ġie ssuġġerit ukoll li jiġu kkunsidrati li jsiru panelli jekk issir it-tinda (imsemmija fil-laqgħa preċedenti) ħdejn il-Junior College.

748 Is-Sur Brincat ippropona li Triq il-Ġdida tissemma Triq it-Tabib Robert Naudi. Il-Kunsill qabel. Sar qbil li aħjar tinbidel issa qabel jinbiddlu l-ID Cards. Is-Segretarju għandha tikteb lill-Kumitat ta' L-Ismijiet tat-Toroq bil-proposta tal-Kunsill.

749 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li hi ser tibqa Segretarju mal-Kunsill sakemm jintgħażel Segretarju ġdid.

750 Is-Sur Bartolo attenda laqgħa fuq l-iSkema ta' l-Aċċessibilita' A+. Hu qal li l-Kunsill irid jagħmel proġet flimkien ma' xi Għaqda jew NGO u jdaħħal dan il-proġett fil-kompetizzjoni li qed tiġl mnegħdija. Issemma il-possibilita' li jsiru Bandli għan-nies b'diżabilita fil-bandli tas-Swatar jew fl-Imsida u anke fil-Gnien ta' Victor Denaro, li jsir Pontoon għan-nies b'diżabilita' (b'kollaborazzjoni ta' l-għaqda tal-Canoeing), li ssir rampa li tagħti aċċess lin-nies b'diżabilita' għal-Knisja ż-żgħira ta' Triq il-Kunizzjoni.

751 Il-Viċi Sindku ħareġ mill-laqgħa (19.30)

752 Ġie issuġerit li jsir Outdoor Gym fil-ġnien il-qadim. Intqal li kellha toħroġ xi skema mid-Dipartiment. Is-Segretarju għandha tiċċekja mad-Dipartiment dwar il-possibilita' ta' skema ta' din in-natura.

753 Is-Sur Matthew Agius semma li taħt il-Gvern preċedenti kien hemm sezzjoni fil-Ministeru ta' l-MRRA li tieħu ħsieb torganizza attivitajiet u qal li kienu nitkellmu ma din is-sezzjoni biex issir Festa tal-Ħut fl-Imsida fil-Jum Internazzjonali tal-Ħut. Qal li l-attivita' tista ssir bil-parteċipazzjoni tas-sajjieda tal-lokal.

754 Sar qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni lis-sajjieda li l-Loading/Unloading Bay li hemm fejn l-iskall għandha tintuża għal dan l-iskop, u mhux biex min irid jipparkja fuq dan l-ispazju.

755 Is-Sur Bartolo talab, u sar qbil, li l-ħaddiema tal-Kunsil jintalbu jbatlu l-'gericans' li qed iħallu xi sajjieda biż-żejt, ġot-tank li hemm apposta.

756 Sar qbil ukoll li l-Kunsill ser jitlob lill-avukat Joe Mifsud biex jamenda l-Bye Law biex it-12 il-metru jkopri wkoll id-dgħajjes kummerċjali. Is-Segretarju informat lill-Kunsill li kienet kitbet lid-Dipartiment biex tingħata informazzjoni dwar il-multi, pero' ma ngħatatx tweġiba.

757 Is-Sindku nformat lill-Kunsill li t-TM irranġaw il-bollard tal-ġebel li hemm fit-tarf tal-pontoon ta' ħdejn il-ġnien u li twaħħlet in-'Notice Board'.

758 Is-Sindku informat lill-Kunsill li saret laqgħat mal-Ministru Joe Mizzi fejn kkonferma li ser isir xi xogħol fi Triq il-Wied (minħabba l-bankini u s-'central strip'), li ser jerġa jsir it-tindif tal-ġibjun qabel ix-xhur tas-sajf. Intqal li wara li jitlesta l-proġett tal-Flood Relief il-Ġibjun ma jkunx hemm bżonn il-ġibjun iżjed. Il-Ministru qal li ma jsibx oġġezzjoni li jekk il-Kunsill jixtri l-materjal, jibgħat xi ħaddiema biex jagħmel ix-xogħolijiet ta' tisbiħ li hemm bżonn fix-Xatt tax-Xbiex. Is-Sindku qalet ukoll li t-TM qed jipprovaw isibu l-Kuntratturi biex jagħmlu tiswijiet fil-ħajt ta' Triq MA Vassalli u li ser isir meeting fuq il-flus li huma dovuti mit-TM ta' Triq il-Priċipessa Margerita.

759 Is-Sindku nformat lill-Kunsill li għamlet laqgħa mal-Kumpanija What's On dwar Bins tal-klieb, Bankijiet u Street Furniture oħra li joffri b'xejn. Is-Sur Abela-Wadge qal li aħjar il-Kunsill joħroġ Expression of Interest biex il-Kunsill ikun ċert li qed jieħu l-aħjar offerta. Is-Sindku qalet li dawn huma b'xejn, pero' hu qal li jista jkun li l-Kunsill ikun jista jingħata xi benefiċċji oħra. Sar qbil li l-Kunsill jornda l-bins tal-Klieb għax dawn hemm bżonnhom b'mod urġenti.

760 Is-Segretarju nformat lill-Kunsill bit-talba ta' Frank Salt Ltd fir-rigward ta' Street Furniture f' Rue D'Argens. Il-Kunsilliera talbu li jaraw 'site plan' qabel jieħdu deċiżjoni. Is-Segretarju qalet li ser tibgħat imejl b'din l-informazzjoni.

761 Is-Sur Bartolo ressaq ilment dwar id-dgħajjes li qed jorbtu mal-ħadid fix-Xatt tax-Xbiex pero' ġie deċiż li la ħa jinbidel il ħadid l-affarijiet jitħallew kif inhuma għal issa.

762 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-20.05.

Approvati llum ____________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv